# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 21 ta' Gunju, 2002**

**Appell Nru 64/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Olaf Cini**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Olaf Cini talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur qabel it-8 ta' Ottubru, 1998, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

**(1)** ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Dott. David Camilleri LL.D. u persuni ohra fuq cekkijiet tal-Lombard Bank u banek ohra, u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, u dan bi ksur ta' l-**Artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali**;

**(2)** iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra u cioe` cekkijiet tal-Lombard Bank, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamel uzu mill-istess

karti imsemmija, u dan bi ksur ta' l-**Artikoli 167 u 169 tal-Kodici Kriminali**;

**(3)** b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn LM1,000 bi hsara ta' Dott. D Camilleri LL.D. u diversi persuni ohra bi ksur ta' l-**Artikoli 308 u 310(1) tal-Kodici Kriminali**;

**(4)** xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat, jew xjentement b' kull mod li jkun indahal bix imexxihom jew ibieghhom bi ksur ta' l-**Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali**;

**(5)** talli ikkometta serq mill-ufficcju ta' Dott. David Camilleri LL.D. ta' *cheque book* tal-Lombard Bank a dannu ta' Dott. David Camilleri LL.D. u persuni ohra, u dan is-serq kien aggravat bil-valur;

**(6)** talli hu recidiv b'sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 17 ta' Frar, 1997, u talli kkometta reat fil-periodu operattiv tas-sentenza sospiza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 17 ta' Frar, 1997 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Marzu, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Olaf Cini **mhux hati** skond ir-raba' imputazzjoni (ta' ricettazzjoni) kif ukoll **mhux hati** li kkommetta reat fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza, izda **sabitu hati** skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha (b'dan li s-serq kien serq semplici, u l-ammont ta' hsara konnessa mal-frodi kienet ta' aktar minn hamsin lira izda mhux aktar minn hames mitt lira) u kkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija bla tnaqqis ta' zmien li hu ghamel taht arrest preventiv; il-parti dispozittiva tas-sentenza taqra hekk:

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi blli ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi kontemplati fl-Artikoli 18, 167, 169, 183, 184, 308 b'referenza ghall-Artikolu 310(1)(b), 284 u 286 tal-Kap. 9, u, wara li rat l-Artikolu 17(b) tal-istess Kap. tikkundannah komplessivament ghal *piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn* – mill-liema periodu m'ghandux jitnaqqas iz-zmien li l-imputat kien dam mizmum taht arrest preventiv stante li dan il-periodu kien diga tnaqqas fil-kawza *Pulizija v. Olaf Cini I* [1] fuq indikata; ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi u tilliberah minnhom.**

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Olaf Cini, minnu ppresentat fis-26 ta' Marzu, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

[1] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Marzu, 2002 – ara Appell Nru. 57/2002.

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu diversi aggravji, li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. Jinghad mill-ewwel, pero`, li l-appellant mhux jikkontesta s-sejbien ta' htija fuq l-akkuzi ta' falsifikazzjoni ta' dokument u uzu ta' dak id-dokument iffalsifikat – li f'dan il-kaz kienu l-aktar zewg imputazzjonijiet serji peress li jgorru piena sa massimu ta' erba' snin prigunerija (ara l-Artikoli 167, 169, 183 u 184 tal-Kodici Kriminali).

1. L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li l-unika kwerela li kien hemm kienet ta' l-Avukat Dott. David Camilleri, u li ghalhekk ma kienx hemm il-kwereli tal-persuni li fil-konfront taghhom inhargu, ossia li lilhom inghataw, ic-cekkijiet falsifikati, u li allura kienu l-persuni allegatament defrawdati. Dana l-aggravju huwa wiehed fieragh, peress li <u>ebda wiehed mir-reati ipotozzati fid-diversi imputazzjonijiet</u> ma jirrikjedi l-kwerela tal-parti leza, u l-pulizija jistghu jipprocedu *ex officio*. F'dan ir-rigward kienet perfettament korretta l-Ispettur Alexandra Farrugia Mamo meta, in kontro-ezami quddiem l-ewwel qorti (fol. 25-28), fissret lill-avukat difensur li kien qed jaghmlilha diversi mistoqsijiet dwar l-ezistenza o meno tal-kwereli, li tali kwerela ma kienitx mehtiega f'dan il-kaz.

2. It-tieni aggravju hu fis-sens li ma kienx hemm serq ta' *cheque book*; u li fi kwalunkwe kaz il-valur tac-*cheque book* fih innifsu kien ta' anqas minn ghaxar liri b'mod li kellha tigi applikata t-tieni parti tal-Artikolu 285 tal-Kodici Kriminali, cioe` dik il-parti li tghid li fil-kaz ta' serq semplici, meta l-valur tal-haga misruqa ma jkunx aktar minn ghaxar liri, il-piena hi ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlett xhur.

3. Din il-Qorti tibda biex tghid li hija taqbel perfettament ma' l-ewwel qorti li f'dan il-kaz kien hemm serq tac-*cheque book* u li dan is-sreq sar mill-appellant. Ic-*cheque book* in kwistjoni inhareg mill-bank fuq talba ta' l-Avukat Dott. David Camilleri; kien intestat – bhalma kien il-kont relattiv – f'ismu, cioe` f'isem l-avukat (ghalkemm kien hemm ukoll il-kliem "Clients A/C" stampati fuq kull cekk taht il-kliem "Dr. D. Camilleri"). Kif fisser l-Avukat Camilleri meta xehed quddiem l-ewwel qorti (fol. 58-64), dana l-kont huwa fethu fuq talba ta' l-istess appellant biex fih l-appellant ikun jista' jpoggi flus, pero` meta jkollu bzonn xi flus kien ikun jista' johroglu c-cekk l-imsemmi avukat. <u>Il-ktieb kien fil-pussess ta' l-imsemmi avukat</u> meta dan gie nieqes mill-ufficcju tieghu u bdew jitfaccaw cekkijiet, suppost iffirmati minnu, meta fil-kont ma kienx hemm flus. L-imsemmi avukat ma ta permess lil hadd – anqas lill-appellant – sabiex jiehu c-*cheque book* mill-ufficcju tieghu, u wisq anqas, naturalment, li jiffalsifika l-firma tieghu (cioe` tal-avukat) u jibda jhallas lil dak u lill-iehor permezz ta' dawn ic-cekkijiet. Anke jekk il-flus – li ma

kienx hemm – kienu proprjeta` ta' l-appellant, il-ktieb kien proprjeta` ta' l-avukat, bhala l-uniku firmatarju – apparti, naturalment, li kien ukoll fil-pussess legittimu ta' l-avukat, u hu risaput li s-serq jista' jsir mhux biss a dannu tal-proprjetarju tal-haga li tkun ittiehdet izda wkoll a dannu tad-detentur taghha. L-appellant, kemm fl-istqarrija tieghu (Dok. AF6 a fol. 29) kif ukoll meta xehed quddiem l-ewwel qorti (fol. 195 *et seq.*), baqa' jinsisti li l-ktieb kien inghata lilu mill-avukat biex izommu. L-ewwel qorti ma emnitux, u emmnet il-vesjoni moghtija mill-Avukat Camilleri. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tbiddel il-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti f'dan ir-rigward.

**4.** Kwantu ghall-kwistjoni tal-valur tac-*cheque book*, din il-Qorti taqbel li dan il-valur ma kienx ta' aktar minn ghaxar liri. Issa, l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ghamlitha cara li hawn si tratta ta' serq semplici, u fil-fatt, fil-parti dispozittiva tas-sentenza, ccitat l-Artkolu 284 tal-Kodici Kriminali. Huwa veru li ma ccitatx l-Artikolu 285 (jidher li, bi zvista, ccitat l-Artikolu 286, li ma hux relevanti ghal dana l-kaz), pero` dan in-nuqqas, kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem f'din is-sentenza, ma jincidix fuq il-piena li effettivament inghatat.

**5.** It-tielet aggravju tal-appellant hu li t-truffa fir-rigward tal-istabbiliment *3K Supermarket* ma gietx pruvata. L-appellant bazikament jikkontendi li ma kienx hemm prova li sid l-istabbiliment, Louis Sargent -- li lilu nghata c-cekk meta l-appellant ghamel xirja *groceries* -- ma kienx dispost li jaghti l-*groceries* bid-dejn lill-appellant u li dan ihallsu imbghad wara, kif effettivament ghamel. Dana l-aggravju wkoll jirrazenta l-fieragh. Hu evidenti mill-provi li l-imsemmi Sargent ta l-*groceries* lill-appellant ghax dan hallas, ossia kien jidher li qed ihallas, permezz tac-cekk (li in segwitu ma giex onorat mill-bank ghax ma kienx hemm flus fih). Fi kliem iehor, minhabba r-raggiri jew artifizji ta' l-appellant kien hemm il-konsenja ta' l-oggetti bil-konsegwenti telf patrimonjali ta' Sargent u l-qligh tal-appellant – konsistenti fl-ittehid tal-*groceries*. Kuntrarjament ghal dak sottomess mid-difensura tal-appellant quddiem din il-Qorti, l-ewwel qorti applikat b'mod ineccepibbli d-dottrina in tema ta' truffa u ta' frodi innominata kif enuncjata minn din il-Qorti fis-sentenzi ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** u ***Il-Pulizija v. Philip Petroni*** tat-12 ta' Frar, 1999 u 16 ta' Marzu, 1999 rispettivament. Ma hemm xejn fid-deposizzjoni ta' Louis Sargent (fol. 43-47) li tindika, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dana kien lest li jaccetta cekk fazull biex jitlaq il-*groceries* minn idejh, basta li jithallas f'xi zmien wara. Il-fatt li dana Sargent gieli precedentement kellu problemi b'cekkijiet tal-appellant – fis-sens li dawna ma jigux onorati mill-bank, pero` l-appellant effettivement jispicca jhallsu – b'ebda mod ma jfisser li <u>fl-okkazzjoni partikolari meritu ta' din il-kawza</u> huwa

kien dispost li jikkonsenja l-*groceries* "on account". Veru li l-appellant in segwitu hallsu; pero` dana l-fatt ma jfissirx li t-truffa ma tkunx saret – ifisser li jkun hemm lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 337[2] tal-Kodici Kriminali f'kaz li l-hsara tigi rimedjata qabel ma tibda titmexxa ebda procedura kriminali. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed jigi respint.

**6.** Ir-raba' aggravju ta' l-appellant huwa simili hafna ghat-tielet wiehed, fis-sens li huwa jikkontendi li ma kienx hemm it-truffa fir-rigward ta' *The Phone Shop*. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li dana l-aggravju, bhat-tielet wiehed, huwa infondat, u dana ghal raguni wahda u semplici li giet korrettement rilevata mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha: bic-cekk falsifikat li huwa ppresenta u li kjarament inganna lil Sonia Ritchie (fol. 138 *et seq.*) (li kienet qed tghin lil binha fil-hanut li jgib l-isem hawn fuq indikat) l-appellant ghamel qligh – konsistenti fil-kirja tat-telefon li huwa kiseb hekk kif ikkonsenja c-cekk – bil-konsegwenti telf ghal sid il-hanut. Il-fatt li wara huwa ghamel tajjeb ghall-hsara jista' jgib fis-sehh, kif diga' inghad, l-Artikolu 337 tal-Kap. 9, izda ma jinnewtralizzax ir-reat.

**7.** L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena, li huwa jqis li kienet wahda eccessiva. Issa, anke li kieku wiehed kellu japplika l-Artikolu 337 imsemmi, kif ukoll it-tieni parti tal-Artikolu 285 (ukoll imsemmi aktar 'l fuq f'din is-sentenza), jibqa' l-fatt li r-reati l-aktar gravi – falsifikazzjoni u uzu ta' dokument falsifikat – ghandhom piena minn minimu ta' tlettax-il xahar prigunerija sa massimu ta' erba' snin (bir-rekluzjoni jew minghajrha). Anke jekk wiehed kellu jqis li kien hemm – u din il-Qorti tifhem li kien hemm – in-ness ta' mezz ghall-fini bejn ir-reati ta' falsifikazzjoni u uzu ta' dokument falsifikat fuq naha, u t-truffa fuq in-naha l-ohra, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 jipprovdi li ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi (f'dan il-kaz il-falsifikazzjoni u l-uzu tad-dokument falsifikat). L-appellant jippretendi li huwa kellu jibbenefika mill-fatt li, skond hu, huwa ammetta mal-ewwel il-falsifikazzjoni. Mill-atti ma jirrizulta li ammetta xejn mal-ewwel. Fl-istqarrija lill-pulizija huwa kien baqa' jinsisti li ma kienx hu li ffalsifika c-cekkijiet – anzi kien tefa' l-htija fuq l-Avukat Camilleri[3] -- u kien biss meta ddepona quddiem l-ewwel qorti fit-28 ta' Mejju, 2001 (kwazi sentejn u nofs wara li bdiet il-kawza) li hu ammetta li kien iffalsifika c-cekkijiet. Fic-cirkostanzi l-appellant ma jistax jippretendi xi *discount* fuq il-piena. Meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-antecedenti penali ta' l-appellant, il-fatt li hawn si tratta ta' reat kontinwat fit-termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, u l-fatt li l-appellant ipprova jinqeda, anzi inqeda, b'avukat zaghzugh biex jinganna lil haddiehor, din il-Qorti tara li l-piena erogata

[2] Dana l-artikolu gie emendat bl-Artikolu 71 tal-Att III ta' l-2002 b'effett mill-1 ta' Mejju, 2002.
[3] "M. Il-firem min ghamilhom fuq ic-cekkijiet li inti hrigt?
"T. Hu, cioe` Dr. David Camilleri."

mill-ewwel qorti b'ebda mod ma kienet eccessiva. Jekk dik il-qorti ppekkat f'xi haga, dan kien fis-sens li l-kaz kien jimmerita piena aktar severa.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

A. Testone
Deputat Registratur